TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 110/15/F

**Stephen Tabone**

**vs**

**Gianluca Ciprini – IGC Group Ltd.**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Mejju, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400), rappreżentanti depożitu fuq bieb illi ma ġiex ikkonsenjat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi kien ordna bieb mingħand l-intimat li jikkonsisti f'bieb *folding* ta' terazin bi 3 fetħiet, *double glazed* u *mosquito net* għall-prezz ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) u li kellu jsir ġewwa l-Polonja u li ta' dan ħallas elf u erba' mitt ewro depożitu (€1,400). Wara ħafna dewmien dan il-bieb ġie biex jiġi installat, pero' r-rikorrenti induna li dan il-bieb kien maħdum f'Malta. Kellu l-isem ta' J&B Aluminium Works, kellu 4 fetħiet, ma kienx *double glazed* u lanqas ma kellu fejn teħel il-*mosquito net*. Konsegwentament ir-rikorrenti m'aċċettax dan il-bieb.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat qed jissottometti li l-bieb ma jistax jitwaħħal tort tal-ħaddiema tar-rikorrenti li naqqsu ċ-ċirkonferenza tal-bieb u b'hekk ma setax jitwaħħal. Ipprova sabiex jagħmel bieb ieħor ordnat minn hawn Malta, pero' jidher li r-rikorrenti m'aċċettahx u għalhekk bqajna bis-sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ħareġ elf u erba' mitt ewro (€1,400) bħala depożitu u l-intimat ordna bieb ieħor ukoll u ħallas għalih.

It-Tribunal, jinnota illi hija r-responsabbilta' tal-intimat sabiex jassigura illi l-bieb jitwaħħal u li kellu jitwaħħal fil-ħin. Illi mhux ġust li l-intimat jipprova jieħu xi *short cut* u li pprova jagħmel bieb hawn Malta u li ħallas għalih u li mhuwiex hekk kif ordnat mir-rikorretni.

It-Tribunal, pero' jinnota illi l-intimat għamel minn kollox sabiex jiprova jaqdi lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**